# IL-PITTURA FIS-SAQAF TAL-KNISJA



**kitba ta'**
**DUN KARM ATTARD**

**Fil-Programm tal-Festa tas-sena li għaddiet tkellimna dwar il-pittura li żżejjen l-ewwel tliet arkati tal-Korsija tal-Knisja ta' San Publju. Din is-sena se nitkellmu dwar il-pittura tat-tliet arkati l-oħra, kif ukoll dwar il-pittura tal-Koppla.**



Bħalma konna għedna s-sena l-oħra, fin-nofs ta' kull arkata naraw kwadru kbir, kwadru li jurina xi episodju mill-ħajja ta' San Publju. Fil-kwadru li hemm fir-raba' arkata naraw lil San Pawl qed jikkonsagra lil Publju bħala Isqof. Fil-kwadru tal-ħames arkata naraw il-ħdima ta' San Publju ġewwa Malta biex jagħmel minnha gżira nisranija. U fil-kwadru li hemm fis-saqaf tal-Kor naraw lil San Publju ġewwa Ateni, dik il-belt fejn Publju kien mibgħut wara li temm il-missjoni tiegħu fi gżiritna.

Fuq kull naħa ta' dawn it-tliet kwadri kbar, naraw xi anġli ċkejknin li qegħdin iżommu skudett, jiġifieri tarka ċkejkna, li fuqha hemm miktub xi kliem bil-Latin. Dan il-kliem ifisser il-virtujiet li bihom kien imżejjen Publju. U fuq kull naħa ta' l-iskudett, il-pittur tana figura li hija simbolu ta' dawn il-virtujiet.

Mir-raba' arkata nistgħu naraw li Publju kien bniedem mimli ħeġġa (ZELUS), dejjem lest għal meta jsejjaħlu l-Mulej (VIGILANTIA), mimli bi spirtu ta' qima profonda lejn Alla (RELIGIO), u b'għaqal l-aktar kbir (PRUDENTIA).

Mill-ħames arkata naraw li Publju kien bniedem mimli tjieba (PIETAS), dejjem ubbidjenti lejn is-superjuri tiegħu (OBEDIENTIA), ma kellux qalbu marbuta mal-ġid tad-dinja imma fittex il-faqar (PAUPERTAS), u kien dejjem fidil lejn Alla (FIDELITAS).

Mis-saqaf tal-Kor insiru nafu li Publju kien imżejjen bl-imħabba lejn Alla (CHARITAS) u bl-imħabba lejn il-proxxmu (AMOR PROXIMI); kien bniedem li baqa' jimxi fit-triq tal-qdusija sa l-aħħar (PERSEVERANTIA), u baqa' sħiħ fit-tbatija u t-tiġrib (CONSTANTIA).

Fl-arzella tal-Kor, imbagħad, naraw lil San Publju bħala wieħed mill-Protetturi ta' Malta. San Publju jitlob għalina quddiem Alla u jixħet fuqna kotra ta' grazzji.

La darba aħna nħarsu lejn San Publju bħala l-ewwel

# IL-PITTURA FIS-SAQAF TAL-KNISJA



Taħt il-Koppla jidhru erba' qaddisin li baqgħu imsemmija għall-għerf tagħhom. Dawn huma:

(a) il-Papa San Girgor il-Kbir, li mexxa l-Knisja mis-sena 590 sas-sena 604.
(b) San Ġwann Grisostmu, li kien Isqof ta' Kostantinopli mis-sena 398 sas-sena 404



Isqof ta' Malta, ħdejn it-twieqi naraw ix-xbieha ta' xi wħud mill-Isqfijiet ta' pajjiżna. Fir-raba' u fil-ħames arkata naraw lil dawn l-Isqfijiet li mexxew id-djoċesi tagħna matul is-snin li jidhru ħdejn isimhom:
**FRANĠISKU SAVERJU CARUANA (1831-1847)**
**PUBLJU SANT (1847-1857)**
**GEJTANU PACE FORNO (1857-1874)**
**CARMELO SCICLUNA (1875-1888)**
**PIETRU PACE (1889-1914)**
**MAWRU CARUANA (1915-1943)**
**MICHAEL GONZI (1943-1976)**

Ma' dawn l-Isqfijiet, jidher ukoll l-Isqof ANTONJU MARIJA BUHAGIAR. Dan ma kienx Isqof ta' Malta, imma għal tliet snin, bejn l-1885 u l-1888, kien jieħu ħsieb id-djoċesi tagħna, billi l-Isqof ta' dak iż-żmien, Monsinjur Carmelo Scicluna, kien xiħ u marid ħafna.

(c) San Ambroġ, li kien Isqof ta' Milan mis-sena 374 sas-sena 397
(d) il-Venerabbli Beda, reliġjuż li qeda l-ministeru tiegħu bit-tagħlim u bil-kitba; twieled fis-sena 673 u miet fis-sena 735.

Din il-pittura kollha li semmejna sa issa hija xogħol il-Kavallier Emwin Cremona.

Il-pittura tal-Koppla, li saret wara l-pittura l-oħra, hija xogħol il-Kavallier Paul Camilleri Cauchi.

Il-Koppla jixraq li turi l-glorja tal-Qaddis fil-Ġenna. Il-pittur ħa l-ispirazzjoni tiegħu mill-ewwel tliet kapitli tal-Ktieb ta' l-Apokalissi, fejn Ġesù, lil dawk li jħobbuh, iwegħedhom il-premju tal-Ġenna għal diversi drabi, imma kull darba jinqeda bi kliem differenti. Paul Camilleri Cauchi għażel erbgħa mill-espressjonijiet li juża Ġesù, biex hekk juri lil Ġesù

# IL-PITTURA FIS-SAQAF TAL-KNISJA



jagħti l-premju tal-Ġenna lil Publju.

Il-pittur għażel l-espressjoni fejn Ġesù jgħid li Hu "jagħti l-kuruna tal-ħajja" lil dawk li jkunu fidili lejh (Apok. 2,10). Għażel l-espressjoni fejn Ġesù jwiegħed li "jagħtihom jieklu mis-siġra tal-ħajja" (apok 2,7). Għażel ukoll l-espressjoni fejn Ġesù jwegħedhom li "ma jħassrilhomx isimhom mill-ktieb tal-ħajja" (Apok 3,5), U fl-aħħarnett għażel il-tixbiha fejn Ġesù jgħid li "l-ebda ħsara ma tagħmlilhom it-tieni mewt" (Apok 2 11). "It-tieni mewt" tfisser il-kundanna għall-infern. Mela Ġesù qed jgħid li dawk li jħobbuh ma jintilfux fl-infern, imma jkollhom il-glorja tal-Ġenna.

Madwar it-twieqi tal-Koppla, mbagħad, Paul Camilleri Cauchi pitter ix-xbieha ta' tmien qaddisin minn dawk li nsejħulhom "Missirijiet il-Knisja". Dawn kienu qaddisin għorrief li għexu fl-ewwel sekli tal-Knisja tagħna, li għamlu ħilithom biex ixandru ujfissru t-tagħlim li Ġesu' ta lill-Knisja tiegħu. Il-qaddisin li tidher ix-xbieha tagħhom huma dawn:



San Atanasju, San Ġwann Damaxxenu, San Ċirillu, San Irinew, San Bażilju, Santu Wistin, San Girgor Nazjanzenu u San Ġilormu.


EVERGREEN



Green Grocer
ta' Connie



GĦALL-ĦAXIX U FROTT FRISK



St. Thomas Street, Floriana
Prop. Robert Busuttil
Tel: 233338